MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF

## EDWINA GRIMA

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2014

Appell Civili Numru. 480/2010/1

**CHARLES u MARY GRACE konjugi GAUCI (ID 459342M u ID 217645M)**

**Vs**

**ANTHONY GRIMA (ID 84161M) u CRISTINO GRIMA (ID 573362M)**

Il-Qorti,

Rat is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fit-23 ta' Settembru 2013 fejn gie deciz:-

*"Il-Qorti,*

*Rat ir-rikors promotur ippresentat fil 11 ta' Novembru 2010 fejn ir-rikorrenti talbu lill-Qorti tikkundanna lill-intimat ihallsuhom is-somma ta' sebat elef, hames mija u hames Euro (€7,505) rappresentanti danni sofferti mill-istess rikorrenti f'telf ta' sigar bhala konsegwenza ta' tfigh ta' kimika fl-ghalqa biswi mahduma mill-intimati, liema kimika wasslet ghal mewt mhux naturali ta' hafna sigar tal-frott, kif ukoll danni kkawzati lill-hajt divizorju in vista ta' xoghlijet li ghamlu l-intimati.*

*Rat ir-risposta tal-intimati ippresentata fil-25 ta' Jannar 2011 fejn huwa cahdu illi qatt ghamlu xi hsara lis-sigar tar-rikorrenti u sahqu illi attwalment kienu r-rikorrenti li kienu qed jaghmlu hsara lilhom, peress illi tellghu hamrija mal-hajt tas-sejjiegh bir-rizultat illi l-ilma li kien jipperkola mill-ghalqa tal-intimati ghal gewwa l-ghalqa tar-rikorrenti qed jinzamm gewwa l-ghalqa tal-intimati, bi hsara lill-intimati.*

*Rat l-affidavit ta'* ***Charles Gauci****,* ***Grace Gauci****,* ***Maria Coleiro*** *li tigi oht ir-rikorrenti Grace Gauci, u* ***Oreste Cauchi*** *li jigi habib tar-rikorrenti, lkoll ippresentati fl 14 ta' Dicembru 2010.*

*Rat l-istima tad-danni mahlufa u maghmula mill-espert agrikolu Peter Agius, ippresentata fit 13 ta' Jannar 2011.*

*Rat l-affidavit tal-intimati* ***Cristinu Grima*** *u* ***Anthony Grima*** *ippresentati fit 8 ta' Frar 2012.*

*Rat ir-rapport tal-Perit Joseph Attard ippresentat fit 8 ta' Frar 2012 mill-intimat Anthony Grima, bid-dokumentazzjoni kollha maghha annessa.*

*Rat ir-rapport tal-Perit Daniel Micallef ippresentat fis-27 ta' April 2012 mir-rikorrenti flimkien ma dokumentazzjoni maghha annessa.*

*Semghet ix-xhieda tal-espert agrikolu* ***Peter Agius*** *moghtija quddiem dina l-Qorti fis 27 ta' April 2012.*

*Semghet ix-xhieda in kontro ezami tar-rikorrent* ***Charles Gauci*** *moghtija fl-4 ta' Gunju 2012.*

*Semghet ix-xhieda u kontro ezami tal-intimat* ***Cristinu Grima*** *moghtija fid 19 ta' Ottubru 2012.*

*Semghet ix-xhieda tal-****Perit Joseph Attard****, prodott mill-intimati, moghtija fit 3 ta' Dicembru 2012.*

*Semghet ix-xhieda tal-****Perit Daniel Micallef****, prodott mir-rikorrenti, moghtija fit 3 ta' Mejju 2013.*

*Zammet access fuq il-post in kwistjoni nhar it-13 ta' Mejju 2013 fl-16.00, presenti l-partijeit assistiti mill-avukati rispettivi taghhom.*

*Semghet it-trattazzjoni tal-abbli difensuri tal-partijiet.*

***Ikkunsidrat.***

*Il-kawza odjerna tikkoncerna kwistjoni illi qamet bejn il-partijiet, li ghandhom ghelieqi illi huma adjacenti lill xulxin, bl-ghalqa tal-intimati ftit*

*aktar 'l fuq bhala oghli minn dik tar-rikorrenti, bir-rizultat illi l-ilma jiskula minn l-ghalqa tal-intimati ghal gewwa l-ghalqa tar-rikorrenti.*

*Skond il-provi kif prodotti kif ukoll l-access illi sar fuq il-post, jirrizulta illi l-intimati juzaw l-ghalqa kollha fit-tul taghha ghal produzzjoni ta' prodotti agrikoli. Mill-banda l-ohra, ir-rikorrenti, illi jghixu ukoll f'dar mibnija f'tali ghalqa, jutilizzaw nofs l-ghalqa fit-tul taghha mit-triq 'l gewwa ghat-tkabbir ta' sigar ta' diversi tipi, kemm ornamentali kif ukoll tal-frott, u d-dar taghhom hija f'l-ewwel nofs tal-ghalqa, filwaqt illi t-tieni nofs tal-ghalqa tintuza ghal produzzjoni ta' prodotti agrikoli.*

*Jirrizulta ukoll, skond il-provi migbura u l-access illi sar, li fl-ewwel nofs tal-ghalqa tar-rikorrenti, fejn hemm mizruha diversi sigar tal-frott u ornamentali, fil-parti tal-ghalqa illi tmiss mal-ghalqa tal-intimati, hemm diversi sigar ta' tipi differenti li mietu recentement kif ukoll sigar ohra li jidhru li saritilhom hsara. Ir-rikorrenti jikkontendu illi dawna saritilhom hsara u sahansitra uhud mietu rizultat ta' kimika velenuza mitfugha mill-intimati fl-eghlieqi taghhom fil-vicinanza tal-hajt divizorju filwaqt illi l-intimati jikkontendu illi tali sigar mietu rizultat ta' mard.*

*Jirrizulta mill-provi prodotti illi, mument minnhom, l-intimati kienu ghamlu gandott fl-ghalqa taghhom, permezz taz-zappun tul il-hajt divizorju kollu fejn hemm is-sigar fil-propjeta tar-rikorrenti, sabiex jigi evitat illi l-eghruq tas-sigar li kienu jinsabu fil-propjeta tar-rikorrenti. jghaddu fl-ghalqa taghhom Sussegwentement, ftit xhur wara, tali gandott sar permezz ta' apparat mekkaniku u thaffer sal-livell tal-blat. Eventwalment, dana il-gandott inghalaq.*

*Ir-rikorrenti jikkontendu illi gewwa tali gandott, l-intimati tefghu hafna kimika intiza biex toqtol il-haxix u eventwalment imlew il-gandott bl-ilma sabiex tali kimika timxi ghal gewwa l-ghalqa tar-rikorrenti. L-intimati, da parte taghhom, jikkontendu illi huma kienu uzaw il-kimika unikament sabiex jinqatel il-haxix hazin illi trabba gewwa l-gandott, u l-kimika li uzaw huma hija intiza unikament sabiex jinqatel il-haxix hazin u biex biex jinqatlu s-sigar.*

*Dwar il-konsegwenzi tal-kimika li kien hemm, ir-rikorrenti jikkontendu illi, ftit wara li kien tkabbar il-gandott permezz ta' apparat mekkaniku, kienet ghamlet xita qawwija u l-kimika kompliet tipperkola taht il-hamrija biex toqtol is-sigar tieghu. Bhala rizultat ta' dan, f'periodu ta' sena, uhud mid-dwieli illi kien hemm mal-hajt tas-sejjieh divizorju mietu filwaqt illi hafna ohra sofrew hafna, filwaqt illi inqredu ukoll diversi sigar tar-rumien u hafna sigar ohra tar-rummien u Bajtar ta' San Gwann sofrew hafna hsarat. Ir-rikorrenti jikkontendu ukoll illi sigra tal-kappar illi kienet kbira hafna u antika hafna mietet ghal kollox.*

***Ikkunsidrat***

*Illi, tul il-proceduri quddiem dina l-Qorti, il-partijiet lkoll ippresentaw rapport ta' Periti ex parte sabiex jiddeskrivu l-art in kwistoni u l-problemi illi kien hemm. Tali rapport it-tnejn kienu informattivi izda bl-ebda mod ma setghu jitfghu dawl fuq il-vera kwistjoni tal kaz, ossija jekk is-sigar mietux rizultat ta' kimika jew ta' mard.*

*Illi r-rikorrenti, madanakollu, ippresenta rapport ta' espert agrikolu, Peter Agius, illi, fix-xhieda tieghu quddiem dina l-Qorti sahaq kategorikament illi s-sigar ma kienux mietu rizultat ta' mard izda kienu mietu rizultat tal-fatt illi gralhom xi haga ohra, possibbilment avvelenament bil-kimika. Huwa sahaq illi seta jasal ghal tali konkluzjonijiet ghax sigar ohra tal-istess tip izda li kienu f'partijiet ohra tal-ghalqa ma kienux mietu u kienu ghadhom b'sahhithom, haga illi ma kienetx tigri kieku kien hemm attwalment il-mard.*

*Illi l-Qorti ma tara ebda raguni ghalhiex ma ghandhiex tistrieh fuq il-konkluzjonijet milhuqa mill-espert agrikolu imqabbad mir-rikorrenti peress illi, ghalkemm kien espert ex parte, certament kien l-unika espert imressaq mill-partijiet li kien kompetenti fil-kamp rikjest biex jaghti ragunijiet ghaliex is-sigar hdejn il-hajt divizorju fl-ghalqa tar-rikorrenti kienu mietu.*

*Illi apparti minn hekk, jigi rilevat illi l-argument mressaq mill-intimati illi ma kienux avvelenaw is-sigar peress illi l-velenu li uzaw huwa intiz unikament ghal haxix hazin huwa wiehed totalment fallaci, peress illi huwa maghruf li velenu uzat f'kwantitajiet oghla minn dawk preskritti jista jwassal ghal hsara irrevokabbli, u dana jghoddu kemm ghal bnedmin kif ukoll ghas-sigar.*

***Ikkunsidrat***

*Illi, mill-provi prodotti u aktar precizament mir-rapport tal-espert agrikolu, huwa ikkwantifika d-danni sofferti mir-rikorrenti fis-sigar li kellhom ir-rikorrenti fis-somma totali ta' sebat elef, mija u hames Euro (€7,105), kif jidher aktar fid-dettal fir-rapport tieghu li jidher a fol 27 sa 29 tal-process, liema konkluzjonijiet ma humiex ser jigu hawn ripetuti.*

*Jidher ukoll, minn tali rapport, illi l-hsarat illi saru fil-hajt tas-sejjieh gew ikkwantifikati fil-valur ta' erbgha mitt Euro (€400).*

*Illi tul il-provi kollha, irrizulta illi r-rikorrenti kienu juzaw tali sigar tal-frott ghall-konsum personali taghhom u tal-hbieb u familjari taghhom. Ma jidher minn imkien illii huwa kienu ibiegh dana il-prodott lill-terzi. Madanakollu, tenut kont tal-fatt illi d-danni kif milhuqa huma kkalkolati fuq il-prodott illi kull sigra setghet taghti tul periodu ta' zmien, il-Qorti ma tistax ma tinnutax illi l-fatt li l-prodott kien jintuza ghal uzu personali ma ghandhu bl-ebda mod iwassal ghal xi tnaqqis fil-valur tad-danni. Dana qieghed jinghad peress illi, in vista tal-fatt li s-sigar naqsu milli jaghtu l-prodott taghhom, f'kaz li r-rikorrenti riedu jottjenu tali prodott minn terzi, huma kellhom ta' bilfors jixtruh bil-prezz indikat mill-espert. Il-fatt jekk r-rikorrenti attwalment xtrawx tali prodott jew le ma ghandu jkollu ebda rilevanza f'dan il-kaz.*

***Konkluzjoni***

*Il-Qorti*

*Wara illi rat il-provi kollha prodotti, qieset id-dokumentazzjoni kollha u sahansitra ghamlet access fuq il-post.*

*Tghaddi biex taqta u tiddeciedi il-kaz billi*

*Tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-intimati*

*Tilqa t-talbiet attrici u, filwaqt li tilliwida d-danni sofferti fl-ammont ta' sebat elef, hames mija u hames Euro (€7,505) rappresentanti hsarat lill diversi sigar fil-parti tal-ghalqa tar-rikorrenti illi tinstab vicin mal-ghalqa tal-intimati kif ukoll hsarat fil-hajt divizorju u*

*Tikkundanna lill-intimati in solidum ihallsu lir-rikorrenti is-somma ta' sebat elef, hames mija u hames Euro (€7,505), bl-imghax mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv.*

*Spejjez kollha tal-kawza odjerna ikunu a karigu tal-intimati in solidum".*

Illi l-intimati Anthony u Cristino Grima aggravati bl-imsemmija decizjoni, interponew appell fejn huma iressqu diversi aggravvji li essenzjalment kollha jiffukkaw fuq l-apprezzament maghmul mill-Ewwel Qorti tal-provi li ingibu quddiemha, b'mod specjali il-konkluzjoni raggunti mill-espert *ex parte* imqabbad mir-rikorrenti appellati u l-fehma minnu raggunta fir-rapport tieghu.

Jishqu illi l-konkluzjoni tieghu illi l-mewt tas-sigar u pjanti mizrugha fl-ghalqa tar-rikorrenti kienet ikkagjonata minn velenu li infiltra mir-raba tal-intimati meta dawn ta'l-ahhar tefghuh f'gandott vicin il-hajt divizorju bejn ir-raba tal-kontendenti, hija ibbazata fuq supposizzjonijiet billi fl-ewwel lok huwa ma kienx prezenti meta allegatament sehh dana il-fatt u inoltre qatt ma tqabbad espert mill-Qorti sabiex isiru testijiet fil-laboratorju bil-ghan li jigi stabbilit x'kienet il-kagun ta' dina il-qerda.

Illi l-intimati jallegaw illi huwa minnu illi huma tefghu il-bexx fir-raba taghhom vicin il-hajt divizorju u dana f'gandott li kienu haffru sabiex  jeqirdu l-eghruq li kien qed jinfiltra ruhu mir-raba adjacenti tar-rikorrenti. Dana ghaliex l-istess kien qed jeqred il-prodott taghhom. Isostnu izda illi l-bexx li tefghu huwa tat-tip "Round up" li jikkontjeni l-erbicida *glyphosate*, liema erbicida ma ghandhiex is-sahha li teqred sigar kbar izda biss il-haxix hazin. Illi r-ricerka fuq dina l-kimika tindika s-segwenti:

"***Glyphosate is an organic, high-phosphate compound widely used as a broad-spectrum herbicide to kill unwanted plants of many different types. It is usually diluted in liquid and applied as a spray directly on the weeds' foliage. When it contacts a plant, the compound is taken up by its roots and foliage, where it blocks an enzyme required for plant survival, eventually causing it to die. During spraying, glyphosate also comes into contact with soil. It binds strongly to soil particles and can remain in the ground for many months.***

***Roots serve many roles in supporting all plant life, including trees. They take up water and nutrients from the soil, allowing them to move into and through a tree's transport system to reach all of its parts. When glyphosate is applied to an undesirable plant and kills it, the dying plant releases some of the chemical back into the soil through its roots. Tree roots in the area can take up some of this chemical, either by contact with the roots of the dying plant or by directly taking up residual glyphosate from the soil. http://homeguides.sfgate.com/effect-glyphosate-tree-roots-***

Dana necessarjament jimplika illi ma jistax jigi eskluz illi dina l-erbicida setghet kellha l-effett mhux biss li teqred l-haxix hazin u l-eghruq mhux mixtieqa illi kienu qed jinfiltraw ruhhom mir-raba ta'l-appellanti ghar-raba tar-rikorrenti appellati, izda ukoll li wasslet biex qerdet ftit ftit l-vegetazzjoni li kien hemm fil-qrib u dana bl-infiltrazzjoni taghha fil-hamrija l-iktar meta imbaghad ghamlet ix-xita u inxterdet.

Illi ghalhekk anke jekk l-appellanti kellhom jigu emmnuti illi dak illi tefghu fil-gandott li haffru tul il-hajt divizorju kien biss il-*glyphosate*, madanakollu dan seta' kellu effett mhux mixtieq.

Illi applikat dan l-insenjament allura mal-fatti li irrizultaw mill-atti probatorji, iktar u iktar isahhah il-fehma ta' din il-Qorti, kif gustament allura ikkonkludiet l-Ewwel Qorti, illi ma jistax ikun hemm spjegazzjoni ohra ghal-qerda tal-vegetazzjoni fl-ghalqa tar-rikorrenti ghajr ghat-trattament kimiku li ghamlu l-appellanti fir-raba taghhom. Dana qieghed jinghad ghaliex hemm wisq kumbinazzjonijiet li meta mghaqqdin flimkien kollha jippuntaw fl-istess direzzjoni.

1. Huwa fatt mhux ikkontestat illi l-intimati haffru gandott tul il-hajt divizorju u tefghu fih erbicida bil-ghan illi jinqerdu l-gheruq tas-sigar gejjien mir-raba adjacenti u il-haxix hazin li kiber fil-gandott.

2. Huwa ukoll fatt mhux ikkontestat illi hemm dizlivell bejn iz-zewg porzjonijiet art bl-ilma tax-xita ixaqqleb ghal fuq ir-raba tal-appellati billi tinsab iktar 'il isfel.

3. Huwa ukoll fatt mhux ikkontestat illi il-qerda tal-vegetazzjoni fir-raba tal-appellanti bdiet isehh wara dana l-episodju.

4. Illi mill-atti probatorji jirrizulta illi kienet il-vegetazzjoni li tinsab fiz-zona vicin il-hajt limitrofu bejn iz-zewg partijiet illi sehhitilha hsara.

Meta ghalhekk wiehed ighaqqad dawn il-fatti ma'l-fehma maghmula mill-espert Peter Agius, isib illi fuq bazi ta' probabbilita' n-ness bejn l-azzjoni tal-appellanti u il-hsara fil-vegetazzjoni fir-raba tal-appellati jirrizulta ippruvat.

Ghaldaqstant din il-Qorti ma issib xejn x'ticcensura fil-konkluzjonijiet raggunti mill-Ewwel Qorti li mhux biss kellha ix-xorti li tisma' ix-xhieda *viva voce*, izda ukoll accediet fuq il-post u ikkonstatat il-hsara *ictu oculi*.

Ghaldaqstant ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi respint u s-sentenza appellata ikkonfermata fl-intier taghha.

L-ispejjez taz-zewg istanzi ikunu ghak-karigu ta'l-appellanti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------